**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 35/2015**

**Fabian Farrugia**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Fabian Farrugia** ipprezentat fil-25 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent applika sabiex jidhol fl-ingagg ta' Gwardjan Privat.*

*Illi fis-sitta (6) ta' Mejju, tas-sena elfejn u hmistax (2015) huwa gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu fil-pozizzjoni sovra indikata ma gietx accettata mill-Kummissarju tal-Pulizija a bazi tal-fatt li l-esponent kien instab hati ta' xi sentenzi fil-konfront tieghu liema dokument qieghed jigi anness bhala Dok FF1.*

*Illi ta' min jinnota illi ghalkemm nhargu diversi akkuzi fil-konfront tal-esponenti bejn is-sena elf disa mija sebgha u disghin (1997) u s-sena elfejn u tmienja (2008), jirrizulta b'mod car li ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, stipulati fl-istess artikolu tal-Ligi, dawk id-decizjonijiet ma ghandhomx jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija. Konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma setax iqis li bis-sentenzi li l-akkuzat inghata, ir-rikorrent instab hati ta' xi delitti gravi ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti instab hati t'akkuzi fejn dawn il-Qrati dejjem ittrattaw mar-rikorrent b'pieni li m'humiex karcerarji.*

*Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax arbitrarjament jaghti tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Ligi ghas-sentenzi moghtija u pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kemm-il darba l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward kellu jigi accettat bhala korrett, ikunu qed jigu serjament ippregudikati l-uniformità u l-istabbilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-Ligi u tal-gustizzja fil-konfront ta' kulhadd.*

*Illi huwa veru wkoll illi mill-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) ir-rikorrent ma regax tressaq bl-ebda tip ta' akkuza quddiem dawn il-Qrati stante illi l-kondotta tieghu turi bic-car illi r-rikorrenti huwa persuna ta' kondotta tajba liema dokument qieghed jigi anness bhala Dok FF2.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jgib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, jitlob lill-istess sabiex, wara li jisma' l-fatti kollha li jsawru dan il-kaz: (1) jikkunsidra t-talba tal-esponenti sabiex jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat u konsengwentement fid-dawl tal-fuq espost (2) ibiddel u jvarja d-decizjoni precedenti f'wahda li permezz taghha tilqa' t-talba tieghu."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 19 ta' Gunju 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi preliminarjament, ghall kull buon fini l-esponent jirrileva illi l-kopja tar-rikors tar-rikorrent li giet notifikata lill-esponent hija sprovvista mil-lista ta' xhieda skont kif inhu ndikat mill-Artikolu 15(2)(d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fil-mertu l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess esponent b'kull rispett jirrileva illi reat konsistenti f'pussess ta' kokaina u ta' eroina huma reati gravi, u dan ser jigi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent. "*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1] u tas-Supretendent Ramon Mercieca,[2]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 6 ta' Mejju 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini tal-Artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) fl-interess pubbliku, minhabba li gejt misjub hati ta' sentenzi fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista' tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi t-Tribunal se jghaddi mill-ewwel biex jissorvola l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat fejn irrileva illi r-rikors promutur huwa sprovvist mil-lista ta' xhieda kif inhu rikjest minn artikolu 15 (2) (d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-16 ta' Ottubru 2015 giet ipprezentata l-imsemmija lista ta' xhieda u ghalhekk din l-eccezzjoni hija sorvolata.

Illi t-Tribunal josserva illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent isostni li l-Kummissarju intimat, fl-ittra tar-rifjut tieghu, kellu jindika l-Artikoli tal-Ligi partikolari fuq liema kien qed jibbaza r-rifjut. It-Tribunal jirrileva illi dan huwa aggravju li ma jissemmiex fir-rikors promutur.

[1] A fol. 33a sa 33c
[2] A fol. 50 sa 51

Madankollu t-Tribunal jaghmel referenza ghal artikolu 11 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrikjedi s-segwenti:-

*"Jekk il-Kummissarju jirrifjuta li joħroġ liċenza lill-applikant biex jaħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat, dan għandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-deċiżjoni lill-applikant* ***fejn jagħtih ir-raġuni għal dak ir-rifjut: Iżda f'każ ta' rifjut taħt l-artikolu 10(b), ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku****.[3]"*

Illi meta wiehed ihares lejn id-decizjoni mibghuta lir-rikorrent din tissodisfa l-vot tal-ligi ghalkemm, kif diga gie ribadit minn dan it-Tribunal f'sentenzi ohra, huwa jawspika li d-decizjoni ta' rifjut tkun iktar informattiva dwar x'sentenzi l-Kummissarju ha in konsiderazzjoni biex wasal ghar-rifjut tieghu.

Illi fil-mertu **r-rikorrent** xehed illi llum il-gurnata ghandu hamsa u tletin (35) sena pero` fil-passat kellu xi problemi relatati mal-vizzju tad-droga u f'okkazzjoni minnhom kellu akkuzi fil-konfront tieghu fejn kienu hadulu l-licenzja tas-sewqan, u dan kien cirka tnax (12)-il sena ilu.

It-Tribunal ra n-Nota tal-Kummissarju intimat (a fol. 35) li permezz taghha esebixxa hames (5) sentenzi fil-konfront tar-rikorrent u Nota ohra (a fol. 47) fejn esebixxa zewg (2) sentenzi ohra u cioe`:-

1. Sentenza datata 14 ta' Ottubru 1997 fejn ir-rikorrent gie misjub hati talli fl-24 ta' Lulju 1997 hedded bi kliem, insulenta u mmolestja partitarji tal-Kazin tal-Karmnu, Zurrieq u talli qal kliem oxxen fil-pubbliku u ghamel storbju u hsejjes ohra bil-lejl u ghal dawn gie kkundannat ghall-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (LM25);

2. Sentenza datata 4 ta' Novembru 1997 fejn ir-rikorrent gie misjub hati li fis-6 ta' Settembru 1997 waqt li kien xurban qal kliem oxxen jew indicenti,

[3] Enfasi tat-Tribunal

jew ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku u talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` u ta' dan huwa gie kkundannat ghal ammenda ta' Lm20;

3. Sentenza datata 27 ta' Mejju, 1998 fejn ir-rikorrent gie misjub hati talli fit-22 ta' Marzu 1998 ghamel l-awrina f'San Giljan f'post li mhux qieghed ghal dan l-iskop u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u ghal dawn ir-reati gie kkundannat ghaxar liri (Lm10) ammenda;

4. Sentenza datata 21 ta' Gunju 2005 fejn ir-rikorrent instab hati li f'Gunju tal-2002 u fl-ahhar gimghat qabel l-istess data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis u wkoll li kellu fil-pussess tieghu cannabis kollha jew bicca minnha u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;

5. Sentenza datata 5 ta' Dicembru 2007 fejn ir-rikorrent gie misjub hati talli fid-9 ta' Awissu 2007 hedded sia verbalment u kif ukoll telefonikament, talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, talli qal kliem oxxen f'post pubbliku u talli ddisprezza l-Awtorita` tal-Qorti billi kiser obbligazzjoni li kien intrabat biha anqas minn sena qabel u ta' dan huwa gie mwiddeb u mcanfar;

6. Sentenza datata 22 ta' Frar 2008 fejn gie misjub hati talli fit-12 ta' Frar 2007 u fl-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina u ta' dan gie mmultat erba' mija u sitta u sittin ewro (€466);

7. Sentenza datata 5 ta' Gunju 2008 fejn gie misjub hati li fis-17 ta' Novembru 2007 saq vettura kontra sinjal tat-traffiku u b'manjiera traskurata, talli qal kliem fahxi li jkkonsisti f'dagha fil-pubbliku u talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura meta ma kienx f'kundizzjoni

li jsuq minhabba xorb jew drogi u talli fl-istess waqt kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt u ghal dawn ir-reati kien ikkundannat ghall-hlas ta' ammenda ta' disgha u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88), ghal multa ta' hames mija u sebghin ewro u disgha u sittin centezmu (€570.69) u gie skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

**Is-Supretendent Ramon Mercieca** xehed illi l-ewwel darba li r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja kien fl-1997 b'reat minuri li pero` baqghu jeskalaw sal-2008. Jghid li l-Kummissarju intimat irrifjuta l-applikazzjoni abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijet ta' Malta stante li hass li dawn ir-reati, specjalment dawk relatati mad-droga u mas-sewqan, huma reati gravi. Jghid li l-Kummissarju cahad l-applikazzjoni wkoll abbazi tal-artikolu 10 (b) peress li in vista tar-reati mwettqa mir-rikorrent ma hux fl-interess pubbliku li jinghata l-licenzja in kwistjoni.

It-Tribunal josserva illi meta wiehed ihares lejn il-pieni inflitti ghar-reati l-iktar serji, u cioe` dawk ta' pussess ta' droga u tas-sewqan b'manjiera traskurata u li saq waqt li kien that l-effett tax-xorb jew droga jirrizulta li ghalihom inghata kemm liberta kundizzjonata u kif ukoll gew inflitti multi u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal sitt (6) xhur. Illi ghalkemm il-Qrati trattaw mar-rikorrent b'pieni mhux karcerarji ma jfissirx illi l-Kummissarju intimat ghandhu jinjora l-istess sentenzi meta jigi biex jevalwa applikazzjoni ta' gwardjan privat.

It-Tribunal f'dan il-punt jaghmel referenza ghat-tielet paragrafu tar-rikors promutur u ghall-ahhar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tr-rikorrent, fejn gie premess illi d-decizjonijiet kollha m'ghandhomx jitqiesu bhala

dikjarazzjoni ta' htija u ghaldaqstant il-Kummissarju intimat ma setghax iqis li r-rikorrent instab hati ta' xi delitt gravi ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389. Illi t-Tribunal jirrileva illi din il-premessa mhix totalment korretta u dana peress li kienet biss f'okkazjoni wahda, u cioe` fis-sentenza tal-21 ta' Gunju 2005 li r-rikorrent gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor. Kwindi hija biss din is-sentenza li ai fini tal-artikolu 10 (a) (i) il-Kummissarju ma setghax jiehu in konsiderazzjoni. Kwindi, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, dak li jrid jigi ezaminat ai fini tal-artikolu 10 (a) (i) huwa jekk ir-reati ta' pussess ta' eroina fl-2007 u dawk tas-sewqan traskurat u taht l-effett tax-xorb jew dorga imwettqa fl-istess sena jistghux jammontaw ghal reati gravi ai termini tac-citat artikolu.

Illi meta wiehed jara artikolu 10 (a) (i) isib li hemm imsemmija numru ta' reati li jekk wiehed jinstab hati taghhom huwa pprojbit milli jikseb licenzja ta' gwardjan privat. Testwalment artikolu 10 (a) (i) u (b) jghidu s-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***<u>għandu jirrifjuta</u>***[4] *applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a)meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta'* ***xi delitt gravi ieħor;***

...

[4] Enfasi tat-Tribunal

*(b) **meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"***

Illi ghalhekk meta wiehed jara r-reati msemmija f'artikolu 10 (a) (i) isib li dawn huma reati ta' certu gravita` u li jaffettwaw lis-socjeta` in generali u li konsegwentement igorru maghhom pieni iktar severi minn ta' reati ohrajn.

Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ir-reat ta' pussess ta' droga ghall-uzu personali, anke jekk minn dak li jirrizulta minn Dok RM1 a fol. 54 spicca b'*overdose*, ma jistghax jigi ekwiparat mar-reati l-ohra msemmija f'artikolu 10 (a) (i). Ghalkemm indirettament l-istess reat jista' jhalli vittmi, il-vittma ewlenija hija l-persuna li tkun qed tabbuza mid-droga. Fejn si tratta tar-reat l-iehor ta' sewqan traskurat taht l-effett tax-xorb jew drogi l-istorja hi kemmxejn differenti ghax hawn si tratta ta' perikolu ghas-socjeta` in generali. Jirrizulta illi kemm ir-reat ta' pussess u kemm ir-reat tas-sewqan traskurat sehhew ftit xhur 'il boghod minn xulxin, presumibilment meta r-rikorrent kien ghadu mahkum mill-vizzju tad-droga. Illi dan it-Tribunal iqis li r-reati relatati mas-sewqan traskurat huma ta' natura serja. Sewqan minn persuna intossikata b'xorb jew droga hija ta' perikolu kbir kemm ghaliha u kemm ghas-socjeta` in generali ghaliex jista' jhalli konsegwenzi serji fuq vittmi innocenti. Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li l-Kummissarju intimat filwaqt li ma kienx korrett meta kkunsidra r-reat ta' pussess ta' droga bhala delitt gravi, kien gustifikat li jikklassifika r-reat ta' sewqan taht l-effett ta' xorb jew droga bhala wiehed gravi u ghaldaqstant minn dan l-aspett kien gust li rrifjuta l-applikazzjoni abbazi tal-artikolu 10 (a) (i).

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet rifjutata wkoll abbazi tal-artikolu 10 (b) u cioe` li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhareg tali licenzja. Illi

hawnhekk il-Kummissarju intimat kien gustifikat li jiehu in konsiderazzjoni s-sentenzi kollha inflitti fil-konfront tar-rikorrent f'perjodu ta' cirka ghaxar snin. Dawn is-sentenzi juru *pattern* ta' disrispett lejn il-ligi u lejn l-Awtoritajiet fejn jidher bic-car illi r-rikorrent kien ghaddej minn perjodu fejn kellu problema ta' vizzju tad-droga. Illi nonostante li jista' jkun li l-bazi ta' xi whud mill-problemi kienet id-dipendenza fuq id-droga dan ma jfissirx illi l-agir tar-rikorrent huwa gustifikat jew skuzabbli. Illi ghalkemm huwa minnu li mill-ahhar sentenza ghaddew cirka tmien snin, dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda serhan tal-mohh li r-rikorrent veru inbidel. Ir-rikorrent, perezempju, ma offra l-ebda spjegazzjoni jew taghrif dwar kif irnexxielu johrog mill-problema tal-vizzju tad-droga jew ta xi rendikont ta' x'ghamel f'dawn l-ahhar snin biex jghin lilu nnifsu. Ghalkemm dan it-Tribunal jemmen bis-shih li ghandha tinghata opportunita` lil min ikun zbalja u tghallem mill-izball, ma jistghax fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar il-kambjament li seta' sehh fir-rikorrent jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju intimat. A differenza ta' meta l-procedura kienet quddiem il-Kummissarju intimat, quddiem dan it-Tribunal ir-rikorrent kellu kull opportunita` li jipproduci provi li jsahhu l-argumenti tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-Kummissarju intimat kien ukoll gust fir-rifjut tieghu abbazi tal-artikolu 10 (1) (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jichad l-

appell tar-rikorrent u jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 6 ta’ Mejju 2015.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**